MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 854/2004

Emanuel Pace u martu Maria Carmela Pace
Vs
Joseph Azzopardi u martu Pauline Azzopardi u Flower,
Land and Nursery Limited (C-17674)

Il-Qorti;
Rat l-att tac-citazzjoni li biha l-atturi wara li ppremettew: -

Illi bi skrittura datata 18 ta’ Marsu 1996 iffirmata quddiem in-Nutar Dr Philip Said, l-atturi krew lis-socjeta’ konvenuta il-garaxx numru mija u tlettax ( 113 ), Triq Nikola Baldacchino, Hal Qormi, ghal zmien tnax-il sena u bil-kera annwu ta’ elf u hames mitt lira ( LM 1, 500 ) pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem bl-ewwel pagament dovut fl-1 ta’ Jannar 1997.

Illi hemm dovuti l-iskadenzi tal-1 ta’ Jannar 2000, tal-1 ta’ Lulju 2000, tal-1 ta’ Jannar 2000, tal-1 ta’ Lulju 2001, tal-1 ta’ Jannar 2002, tal-1 ta’ Lulju 2002, tal-1 ta’ Jannar 2003, tal-1 ta’ Lulju 2003, tal-1 ta’ Jannar 2004 u tal-1 ta’ Lulju

2004 ammontanti komplessivament ghal sebat elef u hames mitt lira ( LM 7, 500 ).

Illi fit-2 ta’ April 2002 l-atturi krew lis-socjeta’ konvenuta garaxx adjacenti ghal dak fuq imsemmi bil-kera annwu ta’ elfejn lira ( LM 2, 000 ) pagabbli mill-imsemmija data.

Illi s-socjeta’ konvenuta irrilaxxjat il-pussess ta’ dan il-garaxx u hemm dovuti l-iskadenzi tat-2 ta’ April 2002 u tat-2 ta’ April 2003 ammontanti ghal erbat elef lira (LM 4,000).

Illi bi skrittura tal-24 ta’ Gunju 2002 il-konvenuti konjugi Azzopardi obbligaw ruhhom li jhallsu sa mhux aktar tard mill-24 ta’ Gunju 2004, is-somma ta’ sitt elef u hames mitt lira (LM 6, 500), u cioe’ l-arretrati ta’ kera dovuti fuq iz-zewg garaxxijiet imsemmija sad-data tal-imsemmija skrittura.

Illi l-konvenuti interpellati diversi drabi sabiex ihallsu baqghu inadempjenti.

Illi dan il-kreditu huwa wiehed cert, likwidu u dovut fil-fehema tal-atturi il-konvenuti m’ ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet attrici.

Talbu ghalhekk lill-istess konvenuti jghidu ghaliex m’ ghandiex din il-Qorti: -

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispenza mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lill-atturi is-somma ta’ sitt elef u hames mitt lira ( LM 6, 500 ) rapprezentanti in kwantu ghal erbat elef u hames mitt lira ( LM 4, 500 ) l-iskadenza ta’ kera fuq il-garaxx numru mija u tlettax ( 113 ), Triq Nikola Baldacchino, Hal Qormi, bejn l-1 ta’ Jannar 2000 u tal-1 ta’ Lulju 2002 u in kwantu ghal elfejn lira ( LM 2, 000 ) l-iskadenza tat-2 ta’ April 2002 fuq il-garaxx adjacenti.

3. Tikkundanna ulterjorment lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi is-somma ta' hamest elef lira ( LM 5, 000 ) rapprezentanti in kwantu ghal-tlett elef lira ( LM 3, 000 ) l-iskadenza ta' kera fuq il-garaxx numru 113, Triq Nikola Baldacchino, Hal Qormi ta' bejn l-1 ta' Jannar u l-1 ta' Lulju 2004, u in kwantu ghal elfejn lira ( LM 2, 000 ) l-iskadenza tat-2 ta' April 2003 fuq il-garaxx adjacenti.

4. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta kisret l-obbligi minnha assunti fuq il-kuntratt ta' lokazzjoni tat-18 ta' Marzu 1996 inkwantu moruza fil-hlas tal-kera dovut kif fuq spjegat.

5. Thassar u xxolji ghall-finijiet u effett tal-Ligi il-kuntratt ta' lokazzjoni tat-18 ta' Marzu 1996 ghall-ragunijiet imputabbli lis-socjeta' konvenuta.

6. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju tizgombra mill-garaxx 114, Tirq Nikola Baldacchino Qormi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-26 ta' Mejju 2004, tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Lulju 2004, tal-mandat ta' inibizzjoni pprezentat kontestwalment, is-somma ta' sitta u sebghin lira u tmienja u sebghin centezmu ( LM 76. 78 ) rapprezentanti l-ispejjez inkorsi sabiex saru ir-ricerki tal-passiv u l-attiv tal-konvenuti, u bl-imghax legali a skaletta skond id-data tal-iskadenza rispettiva kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti l' ohra kollha tal-kawza u d-dokument esebit;

Rat id-dikjarazzjon ta' l-atturi kif verbalizzata fil-kors tas-seduta ta' l-1 ta' Lulju 2005 minn fejn jirrizulta li huma rrinunzjaw ghar-raba' (4), hames (5) u sitt (6) talba taghhom;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-1 ta' Lulju 2005 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qablu li l-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-konvenuti;

Ghal dawn il-mottivi: -

Tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba, hames u sitt talba in vista li dawn gew irtirati u billi tordna li l-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------